

32004D0557

L 249/18

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

23.7.2004

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-2 ta' Lulju 2004

li tippreskrivi deroga għall-kondizzjonijiet transizzjonali stabbiliti mill-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 998/2003 għat-transitu ta' annimali domestiċi mit-territorju ta' l-Iżvezja bejn il-Gżira ta' Bornholm u l-partijiet l-oħra tat-territorju tad-Danimarka.

(innotifikata fid-dokument bin-numru C(2004) 2435)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(It-testi bid-Daniż u l-Iżvediż biss huma awtentiċi)

(2004/557/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

- (2) Dawk il-kundizzjonijiet huma fil-biċċa l-kbira l-istess bħall-kundizzjonijiet nazzjonali li kienu japplikaw għad-dħul fl-Isvezja qabel l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 998/2003.

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

- (3) Kien jeżisti ftehim bilaterali bejn l-Isvezja u d-Danimarka li jstabbilixxi kundizzjonijiet inqas restrittivi minn daww applikabbli għad-dħul fl-Iżvezja għat-transitu ta' annimali domestiċi mit-territorju ta' l-Iżvezja bejn il-Gżira ta' Bornholm (DK) fil-baħar Baltiku u l-partijiet l-oħra tat-territorju tad-Danimarka.

Wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 998/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar ir-reqwiziti ta' saħħet l-annimali li huma applikabbli għall-moviment mhux kummerċjali ta' annimali domestiċi u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE⁽¹⁾, u b'mod partikulari Artikolu 21 ta' dan,

- (4) Huwa xieraq li tinżamm din id-deroga limitata għall-kundizzjonijiet transizzjonali stabbiliti taħt l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 998/2003.

Billi:

- (1) Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 998/2003 jstabbilixxi għal perjodu transizzjonali ta' ħames snin il-kundizzjonijiet veterinarji li japplikaw fost oħrajn għall-movimenti mhux kummerċjali ta' klieb u qtates domestiċi, lejn it-territorju ta' l-Iżvezja.

- (5) Il-miżura li għaliha hemm provvedimenti f'din id-Deċiżjoni hi skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali.

⁽¹⁾ ĠU L 146, tat-13.6.2003, p. 1.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 3

Artikolu 1

Bid-deroga ta' l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 998/2003 u sa l-aħħar tal-perjodu transizzjonali preskritt f'dak l-artikolu, it-transitu ta' annimali domestiċi ta' l-ispeċi msemmija f'Parti A ta' l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 998/2003 bejn il-Gżira ta' Bornholm u partijiet oħra tat-territorju tad-Danimarka mit-territorju ta' l-Iżvezja huwa permess skond il-kundizzjonijiet miftiehma bejn iż-żewġ Stati Membri.

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lid-Danimarka u lill-Iżvezja.

Magħmula fi Brussell, fit-2 ta' Lulju 2004.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni se tibda tapplika mit-3 ta' Lulju 2004.

Membru tal-Kummissjoni
